**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 30 ta'Mejju, 2024**

Rikors Numru: 172/24 AL

A B C

vs

D E

(M.R. Numru 1676/2013)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-partijiet zzewġu fis-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) gewwa l- Cavalieri Hotel f' San Giljan skont certifikat hawn anness Dokument A:

2. Illi l-partijiet ilhom separati mill-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u dana permezz kuntratt ta' separazzjoni

hawn anness fl-atti tan-nutar Dottor Daniel John Bugeja; anness Dokument B.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.
4. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar it-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013)
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imholli ghall daqshekk mill- istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:

1. Illi l-partijiet zzewgu nhar is-6 ta' Lulju tas-sena 2013 gewwa l-Cavalieri Hotel, San Giljan. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Daniel John Bugeja datat 15 ta' Settembru tas-sena 2015 u ghalhekk ghaddew iktar minn erbgha (4) snin mid-data tas-separazzjoni;

2. Illi l-esponenti tikkonferma illi min dan iż-żwieg ma twieldu l-ebda tfal u ma hemm l-ebda arretrati tal-manteniment.

3. Illi l-esponenti tikkonferma ukoll illi ma hemmx prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u ghalhekk qed taqbel mat-talbiet tal-attrici u dan sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet salv ghal kap tal-ispejjez li ghandhu jaghmel tajjeb ghalihom l-attur.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tad-19 t'April 2024;

Rat ir-risposta tal-intimata li ġie kkonfermata bil-ġurament tagħha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Settembru 2015;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.